# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru disgħa (9) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-Kunsill se jibda l-proċess għat-tenders tal-kameras tas-sorveljenza. Waqt illi l-Kunsill se josservelja l-kamera, rapporti fuq abbuzi se jiġu rapportati lill-pulizija. Il-kameras se jkunu tajbin ukoll għal bil-lejl. Ma dan il-punt il-kunsilliera Pietru Pawl Busuttil u Carlo Stivala qalu li xorta hemm bżonn ta' dawl mal-kameras bl-infra-red.

3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill ta' Ħal Safi, kif ukoll tal-Qrendi, iffirmaw l-ittra li ġiet mibgħuta lis-sur Stephen Grixti li jiġbor l-anzjani tal-irħula tagħna għad-Day Centre taż-Żurrieq. [ref punt nru 3.2].

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Perit għamel il-pjanti għat-tinda fl-iskola [ref punt nru 3.3]. L-iskola għanda tara mal-FTS jekk hemm fondi għal dan il-proġett.

3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-basketball rings [ref punt 3.5] ma waslux sal-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi nużaw l-istess sistema bħal fil-grawnd tal-football fejn ikun hemm persuna li jieħu ħsieb iċ-ċwievet u l-Kunsill iżomm lista tal-kirja tal-post.

3.5 Is-Sindku qal illi l-persuna li ħalla l-ħmieġ f'Misraħ San Mattew issa neħħa kollox wara li mar għandu l-ispettur. [ref. punt nru. 3.8]

3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill issa għandu l-istorage extra fl-emails tal-Kunsill. [ref punt nru. 3.9]

3.7 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm probabilta' li l-Kunsill jista' jagħmel użu ta' fondi mill-ERDF għall-korsijiet bħal Health and Safety u First Aid [ref. punt nru. 3.10]. Il-kunsilliera għandhom jagħtu lista ta' nies li jafu li joffru dawn il-korsijiet.

3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħat email lill-ispettur rigward x'għamlu l-pulizija fuq il-garaxx li qed jintuża bħala storage ta' oġġetti li jistgħu jieħdu n-nar [ref punt nru 3.11], iżda ma rċieva l-ebda risposta mill-ispettur sal-ġurnata tal-laqgħa.

3.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Perit Musumeċi ma setax jattendi għal laqgħa u li se jerġa' jara meta jkun jista jiġi [ref punt nru. 3.12]. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi jħoss illi l-Perit għandu jerġa jagħti discount.

3.10 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf illi l-Kunsill mhux se juri l-Euro 2012 fuq big screen għax il-Kunsill ma sabx persuna biex jieħu ħsieb l-bar.

3.11 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Maltapost qegħdin joffru tariffa ta' 0.23c għal kull fuljett li għandhom jippostjaw, minflok ir-rata normali ta 0.37c. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi l-MaltaPost għandhom van illi jużaw bħala post office u forsi darbtejn fil-ġimgħa jiġu sar-raħal. Is-Segretarju se jibgħat email lil CEO bi proposta.

3.12 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi waslet il-photocopy machine [ref. punt nru. 8.1].

3.13 Il-Kunsill se jara meta jista' jsir il-kors ta' Non Smoking [ref. punt nru. 8.2]. Il-Kunsill qabel ukoll illi nagħtu nformazzjoni ta' korsijiet li nixtiequ noffru fuq karta li għandna nagħmlu f'kull fuljett.

3.14 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill ħareġ l-aħbar dwar is-Summer League u l-applikazzjonijiet fetħu.

**4. Korrespondenza.**

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra mill-kuntrattur tal-ġbir taż-żibel fejn qal illi peress illi jista' jiġbor boroż ħodor biss kull nhar ta' Tlieta, se jkollu iżjed xogħol x'jagħmel l-Erbgħa. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi fil fatt ser jitnaqqas ix-xogħol it-Tlieta waqt illi l-Erbgħa mhux se jkollu jdur iżjed milli jdur illum.

4.2 Is-sinjorina Geraldine Grima Gilson bagħtet talba biex il-klassijiet tal-aerobics isiru filgħaxija fis-sajf. Il-Kunsill m'aċċettax it-talba peress illi s-Sala tintuża bosta drabi filgħaxija, waqt illi l-Kunsill jixtieq iżomm xi ġranet vojta għal meta l-Kunsill ikun jixtieq jagħmel xi attivitajiet. Il-Kunsill irċieva talba mill-membri tal-klassi għal dumbells. Il-Kunsill jixtieq ikun jaf l-ispiża l-ewwel.

4.3 Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni għas-servizz ta' persuna biex jagħmel servicing tal-kompjuters. Dan għandu rata ta €17.50 fis-siegħa.

4.4 Il-Kunsill irċieva ittra minn żewġ residenti li jixtiequ għajnuna biex titranġa parti tat-triq li tagħti għall-Ħlantun fejn qed iżomm l-ilma u jemmnu li dan huwa ta' periklu għal dawk li jgħaddu minn hemm.

4.5 MEPA ma qablux mal-proposta tal-Perit biex ikun hemm siġġu li jdur max-shelters tal-pjazza. Il-Kunsill qal ukoll illi jixtiequ li l-lift isir taħt it-tieni fażi ta' dan il-proġett.

4.6 Is-Superjur tal-MUSEUM irringrazzja l-inizjattiva tal-Kunsill biex parti minn triq San Tumas issir one-way fil-ħinijiet tal-MUSEUM. It-tabella diġa saret fuq il-post, u l-Kunsill issa għandu jara mal-MUSEUM x'inhuma l-ħinijiet tal-ftuħ u għeluq tal-Mużew biex jagħmel it-tabella skond dawn il-ħinijiet. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi jħoss illi għandna nagħlqu t-triq minn kwarta qabel, sa kwarta wara l-ħinijiet tal-Mużew.

4.7 MEPA ma qablux mal-proġett tal-Perit rigward Ġnien Sir Alexander Ball.

4.8 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa dwar xiex kien il-korrespondenza mas-sur Michael Spiteri [email rigward triq San Pawl]. Is-Sindku qal illi dan il-persuna qed jgħid illi l-Kunsill kien għamel wegħda li ser nerġgħu niftħu triq San Pawl one-way. L-ebda kunsillier mill-eks leġislatura ma qablu ma dan. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi l-Kunsill antik għamel żball illi ma fetaħx it-triq two-ways eżatt wara l-ftuħ ta' Valletta Road (Żurrieq) għax minħabba dan id-dewmien in-nies x'aktarx ħasbu li t-triq kienet se tibqa kif kienet.

## 5. Approvazzjoni tal-Pagamenti

5.1 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti.

## 6. Proġett tal-ġnien Dun Karm Vella

6.1 Is-Sindku qal illi triq il-Kaċċaturi kienet mimlija karrozzi kull darba li mar hemmhekk bil-lejl. Qal ukoll illi hemm problemi simili f'triq Ta' Ġawħar. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi mal-ġnub tal-ġnien jista' jsir parking, iżda s-Sindku oġġezzjona għax jemmen illi l-karrozzi ma jgħaddux. Fl-istess ħin il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi fil-5am kien hemm 25 post vojt f'dawk it-toroq meta mar jara. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-Ħadd filgħodu kien hemm postijiet fit-8am u fl-10am.

6.2 Il-kunsillier Publius Abdilla ssuġġerixxa li nagħmlu "out-door gym". Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi ser tkun spiża kbira għall-Kunsill waqt li l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi l-fondi tal-UIF jistgħu jintużaw għal dan. Il-Viċi Sindku Johan Mula reġa qal illi hemm bżonn illi nneħħu l-Playing Fields minn hemm. Qal ukoll li tal-MCCAA ser jerġgħu jaraw jekk saru xogħolijiet fuq Playing Fields waqt illi aħna m'għamilna xejn minħabba nuqqas ta' fondi.

6.3 Il-kunsillier Publius Abdilla reġa' qal illi hu kontra kull ħsieb illi nneħħu l-ġnien illi hemm. Is-Sindku qal illi għandna nagħmlu l-proġett illi se jiswa' l-inqas. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi għandna nagħmlu "Public Consultation". Il-Kunsill qabel illi l-Perit se jkollu jigwidana f'dawn ix-xogħolijiet.

## 7. Għażla tal-ħaddiema

7.1 Il-kunsilliera qablu fuq l-għażla tat-teachers/helpers/reserves għal Skola Sajf 2012.

## 8. Informazzjoni dwar il-Fuljett u s-Summer League

8.1 Il-Viċi Sindku qal illi fejn l-ismijiet tal-kunsilliera għandna niktbu l-emails tagħhom, kif ukoll in-numri tal-mobiles. Kien hemm qbil illi dan isir. Qal ukoll illi għandna nagħmlu riklam tal-facebook page tagħna.

8.2 Il-Kunsill qabel li jsir leaflet tal-korsijiet kollha li l-Kunsill bi ħsiebu joffri, waqt illi l-Viċi Sindku qal ukoll illi għandna nagħmlu avviż illi l-Kunsill jixtieq database tal-emails tan-nies mir-raħal għal kuntatt aħjar mar-residenti.

8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċevejna iżjed riklami minn dak li kien qed jistenna. Għamel talba biex jekk ikun hemm bżonn naraw jekk nistgħu nżidu xi ftit paġni. Il-Kunsill qabel u s-Segretarju ser jistaqsi għal kwotazzjoni għal 4 paġni extra.

8.4 Is-Sindku ppropona li għas-Summer League nagħmlu 'Vending Machines' barra l-grawnd u l-Kunsill qabel.

8.5 Il-kunsillier Carlo Stivala ppropona li jinżebagħ ċ-ċint tal-grawnd. Kien hemm qbil unanimu.

## 9. Ħwejjeġ oħra

9.1 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-qsari qegħdin imutu u mhux qegħdin jieħdu l-attenzjoni meħtieġa. Qal ukoll illi ħafna nies qegħdin jilmentaw fuq l-istat ta' dawn il-qsari. Qal illi tal-LIDL mhumiex fl-istess stat bħal tagħna u tagħna qegħdin jidhru koroħ. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi dawn għandhom bżonn l-ilma tlett darbiet fil-ġimgħa.

9.2 Is-Sindku qal illi għandna noħorġu 'period contract' għal xogħol ta' Perit/Contracts Manager.

9.3 Is-Sindku qal illi l-kennies ma ġiex għax-xogħol fil-ġurnata tal-laqgħa filgħodu. Is-Segretarju se jibgħat lill- kuntrattur biex jiġi sal-Kunsill biex il-Kunsill ikun jista' jwassal l-ilmenti kollha.

9.4 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm 28 ġenituri li jaqblu mad-deċizjoni tat-tfal tar-raħal li jixtiequ li jsir dan lis-SkatePark. B'dawn il-firem hemm il-ftehim illi l-ġenituri ta' dawn it-tfal li jużaw dan il-Park għandhom ikunu responsabbli għal li jiġri hemm u se jidħlu hemm 'b'riskju tagħhom'. Is-Sindku qal li jixtieq jagħmel ġnien madwar l-iskatepark u li l-Park ma jkunx permanenti sabiex jekk tonqos il-konkorrenza, nkunu nistgħu nużaw l-area għal affarijiet oħrajn.

9.5 Is-Sindku qal illi għandna bżonn niżbgħu il-bankijiet fil-ġimgħat li ġejjin. Qal ukoll li għandna bżonn nixtru Sander biex jitħaffef ix-xogħol u għalhekk talab għal kwotazzjonijiet. Qal illi s'issa rċieva stimi ta' żewġ ditti fejn hemm differenza kbira bejniethom, iżda dik li tiswa l-iżjed hija long-lasting, waqt li l-oħra le. Il-Kunsill ser jistenna għal iżjed stimi.

9.6 Is-Sindku qal illi jixtieq li nagħmlu majjalata fil-30 ta' Ġunju 2012 u għandu target biex inkunu breakeven u l-Kunsill ma joħroġx flus. Se jkun hemm ukoll show. Dawk li jħalsu biss se jkollhom l-ikel u x-xorb, iżda s-show se jkun għal kulħadd. Qal illi għandna nagħmlu l-attivita f'triq il-Menqa u ser ikolna nagħlqu t-triq għal ftit sigħat. Qal illi nistgħu nikejterjaw għal bejn 200-300 nies. Il-Kunsill se jieħu ħsieb li jkun hemm barikati, kif ukoll illi jkun hemm 'ushers' biex jgħinu.

9.7 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi għandna bżonn nsaħħu l-Wifi hotspot tal-Playing 13 t'April.

9.8 Il-Viċi Sindku qal illi hemm mirja mdawrin f'triq San Ġwann. Is-Sindku qal illi dawn ġew irranġati diġa'.

9.9 Il-Viċi Sindku xtaq informazzjoni dwar is-sleeping police li għamlu ta' Polidano Brothers f'triq il-Feniċi, wara li huma m'aċċettawx illi ineħħuhom bla ħlas. Il-Kunsill kien diġa' għamel talba biex dan isir. Il-Viċi Sindku qal illi ħadd ma qallu biex inneħħuhom minn hemm iżda biex jitbaxxew. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hu sema' minn xi residenti li jħossu li għandhom jibqgħu hekk.

9.10 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm tabella ħażina f'triq San Ġwann. Qal ukoll illi fejn il-bandiera tat-triq Carmelo Caruana: Politiku u Avukat, hemm sinjal tal-vleġġa mkisser.

9.11 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm bollard fejn is-Salib tad-Dejma li hija mgħawwġa.

9.12 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi hemm bollard mqaċċat fi ġnien Dun Karm Vella.

9.13 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm water trap miksura fit-triq Carmelo Caruana: Politiku u Avukat. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandna nċemplu lil Perit David Xuereb biex dan jinbidel.

9.14 Il-kunsillier Publius Abdilla xtaq ikun jaf fejn wasalna rigward il-kwotazzjonijiet tal-qtugħ tal-ħaxix. Il-Kunsill għandu 2 kwotazzjonijiet u qed jistenna għat tielet wieħed. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ma nistgħux nirrepetu x-xogħol ħażin li sar mill-kuntrattur is-sena l-oħra.

**10. Laqgħa li jmiss**

10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

10.2 Il-laqgħa li jmiss ser tkun fl- 4 ta' Lulju 2012.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |